*Messaġġ mis-Sindku*



Is-Sur John Buttigieg

# Il-Festa tal-Vitorja – Festa tal-Familja



Is-sajf iġib miegħu ċ-ċelebrazzjonijiet ta' ħafna festi parrokkjali. Huma festi f'isem il-qaddis/a ta' l-ibliet u l-irħula tagħna, fejn il-Maltin u l-Għawdxin iqimu b'tant ħrara u entużjażmu. Fil-Mellieħa dan mhu xejn inqas minn postijiet oħra.

Forsi aħna l-Melleħin ixxurtjati ftit aktar minn oħrajn. Għandna festa waħda ewlenija fejn kulħadd jipparteċipa fiha mill-kbir saż-żgħir, kemm jekk hu aħmar, blu, iswed jew abjad. Grazzi għall-Patruna li dejjem għarfet tħarisna mill-iżbalji ta' ħaddieħor. Din tgħinna nagħmlu festa li faċilment titgawda mill-familji kollha. Festa li ma tħalli lil ħadd barra u b'parteċipazzjoni qawwija u tal-massa.

Sa llum għarafna kif noħolqu attivitajiet li jġibu l-għaqda. Il-parti ewlenija għadha dik reliġjuża, għalkemm elementi lajċi daħlu wkoll.

Kull soċjetà jew għaqda tagħti s-sehem tagħha. Kulħadd kif jista' u kollha bi skop wieħed: li jkollna festa sabiħa, festa ta' għaqda, festa tal-familja.

L-Għaqda Mużikali Imperial tkun minn ta' quddiem sabiex b'organizzazzjoni maħsuba u mirquma, tagħraf toffri programm varjat u bilanċjat. Id-daqq mużikali tal-bravi bandisti, joħloq mumenti minnhom allegri, oħrajn serji u jitolbu l-aqwa abbiltà tas-surmast u tal-mużiċisti li flimkien ipaxxi lil kull min jismagħhom.

S'intendi dak li l-għaqda tipprovdi għall-pubbliku, ikun ilu programmat mill-President u mill-Kumitat tad-Direzzjoni. Il-preparazzjonijiet ikunu għaddejjin b'ritmu li jiżdied aktar ma joqorbu l-ġranet tal-festa.

Dan kollu jsir b'ħafna laqgħat, diskussjonijiet u b'sagrifiċċji mhux żgħar minn kull min hu involut. Il-festa tfisser piż imdaqqas ta' spejjeż. Dan, sena wara l-oħra, iħabbel ras il-kaxxier ta' l-għaqda.

Il-poplu jagħraf dan l-impenn, li qiegħed jingħata l-aqwa u b'varjetà aħjar mis-sena ta' qabel u għalhekk jagħti d-donazzjonijiet tiegħu. Il-poplu jħoss li qiegħed jieħu xi ħaġa lura. Nappella li dan ikompli jsir.

Il-Kunsill Lokali Mellieħa jagħraf ukoll dan l-impenn u kien għalhekk li għamel il-ftehim ta' koperazzjoni kulturali u mużikali ma' tliet għaqdiet mużikali Melleħin. Ftehim li issa daħal fil-ħames sena tiegħu. Ftehim, li barra li huwa ta' sostenn finanzjarju notevoli, qiegħed jagħti frott bnin fl-oqsma tal-mużika u l-kultura. Fi Frar ta' din is-sena, il-Kunsill Lokali Mellieħa ta l-onorefiċenza ta' "Ġieħ il-Mellieħa" liż-żewġ għaqdiet mużikali: l-Għaqda Mużikali Imperial u s-Soċjetà Filarmonica La Vittoria. Dan għamilnieh bħala apprezzament għall-kontribut li dawn iż-żewġ għaqdiet Melleħin taw u għadhom qegħdin jagħtu lil-lokalità tagħna. Hawnhekk irrid insellem u nirringrazzja lill-fundaturi u dawk kollha li taw is-sehem tagħhom matul is-snin, sabiex illum fil-Mellieħa għandna żewġ għaqdiet mużikali daqshekk attivi fil-ħidma tagħhom.

Nagħlaq dan il-mesaġġ billi f'isem sħabi l-Kunsilliera kollha nagħti lil kull wieħed u waħda minnkom il-festa ta' Marija Bambina t-tajba. Inżommu dejjem mal-prinċipju li din il-festa hija l-festa tal-familja Melleħija kollha.

Nagħti l-festa t-tajba lill-Melleħin li qegħdin jgħixu barra mill-Mellieħa f'xi belt jew raħal ieħor, kif ukoll lil dawk l-emigranti Melleħin li jien ċert li għalkemm qegħdin 'il bogħod minna, qalbhom żgur li tkun magħna fi żmien il-festa. Insellem u nirringrazzja lill-President – is-Sur Joseph Bartolo, il-Kumitat u l-Membri ta' l-Għaqda Mużikali Imperial għall-ħidma siewja li tagħmlu, mhux biss għall-festa titolari, imma matul is-sena kollha għall-ġid tal-komunità Melleħija.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

***Il-President u l-Kumitat ta' l-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd***